



Brussell, 13 ta' Settembru 2018
(OR. en)

12041/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0317(NLE)

DAPIX 273
DATAPROTECT 174
ENFOPOL 442
EUROJUST 111
FRONT 279
VISA 228
EURODAC 19
ASILE 57
SIRIS 112
SCHENGEN 46
CSCI 120
SAP 26
COMIX 483
JAI 867

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Arranġament mar-Renju tan-Norveġja, mar-Repubblika tal-Iżlanda, mal-Konfederazzjoni Żvizzeri u mal-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar il-parteċipazzjoni ta' daww l-Istati fl-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operazzjonali tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja - Adozzjoni

1. Ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011¹ jipprevedi li skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni tagħhom, għandhom isiru arranġamenti għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi assoċjati fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen fil-ħidma tal-Aġenzija għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Dawn l-arranġamenti għandhom jinkludu wkoll dispożizzjonijiet dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji, il-persunal u d-drittijiet tal-vot.
2. Fl-24 ta' Lulju 2012 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati mal-Iżlanda, man-Norveġja, mal-Iżvizzera u mal-Liechtenstein għal Arranġament dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni tagħha fl-Aġenzija (l-"Arranġament").
3. Dawn in-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Arranġament fl-15 ta' Ġunju 2018.
4. Fit-3 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni ħarġet Proposta dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Arranġament mar-Renju tan-Norveġja, mar-Repubblika tal-Iżlanda, mal-Konfederazzjoni Żvizzera u mal-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar il-parteċipazzjoni ta' dawk l-Istati fl-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operazzjonali tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja².
5. Fl-10 ta' Settembru 2018, il-grupp ta' Kunsilliera tal-ĠAI (eu-LISA) eżaminaw il-proposta ta' hawn fuq u approvaw it-test tagħha, inkluż it-test tal-Arranġament meħmuż magħha.
6. Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden japprova l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill, kif tinsab, wara reviżjoni mill-ġuristi-lingwisti, fid-dokument 12042/18 u jibgħatha lill-Kunsill għall-adozzjoni bħala punt A fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu.

s

¹ Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 286, 1.11.2011).

² 11805/18 + ADD 1.